# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

MIN IMAQDAR ILSIENU
IKUN QIEGĦED IŻEBLAĦ LILU N-NIFSU.

The Royal University of Malta

**It-Tielet Sena** **Novembru 1933** **No. 33**

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**NOVEMBRU 1933]** **IT-TIELET SENA** **[Nru 33**


## IL-KONKORS TAGĦNA

Nistqarruh mill-ewwel: għalkemm xi bċejjeċ, proża u poeżija, sbieħ ħafna, fuq kollox xtaqna xi ħaġa aħjar. Il-poeżija, barra minn dik il-ftit imsemmija bi premju jew b'tifħir, kienet ftit dgħifa. Il-proża kienet xi ftit aħjar imma mhix imżewwqa biżżejjed; aktarx kollha maħduma fuq dak li jiġri madwarna fil-ħajja ta' kuljum.

Insemmuhom issa waħda waħda skond il-kelma li taw l-eżaminaturi.

### POEŻIJA

Barra mill-ewwel tlieta, dawn jistgħu joqogħdu flimkien warajhom: *Għaż-Żagħżugħ Ġorġ Pisani* ta' Rahli Malti (Carm. Vassallo). Il-ħsieb ftit imdennes; versi iebsin u kliem imfittex; xbihat xi drabi sbieħ. *L-Ulied Foqra tal-Armel.* Tiegħu wkoll. *Thewdin ta' Erodi* ta' Roskrana (W. Gouder). Ma tweġibx għall-*isem;* nieqsa mill-passjoni; xi versi tajbin u xi xbihat sbieħ, imma mhux kollha.

L-oħrajn ta' min jagħmlilhom il-qalb biex jitħarrġu aktar fil-kitba tal-poeżija.

Ħallejna barra u ma semmejniehomx erba' poeżijiet mibgħutin b'isem il-kittieb kontra t-twissijiet tal-Konkors. Iżda lill-kittieb għal did-darba ngħidulu wkoll il-fehma tal-eżaminatur. *In-Nannu Bastjan,* mhix ħażin, l-aħjar fosthom l-erbgħa; il-versi mexxejja u joħorġu weħidhom. *Il-Minsi,* anqas minnha; ftit dgħifa. *Bil-għatx* u *Fil-Belt u fil-Kampanja,* għajjenin; versi xi drabi mġebbda.

### PROŻA

L-eżaminatur tal-proża wera aktar fit-tul il-fehma tiegħu, li aħna sa nġibuha hawn kelma b'kelma:

# KONKORS TA' PROŻA MALTIJA

## IMSEJJAĦ MILL-"LEĦEN IL-MALTI"

1. Redo Reo Apollo.—"Dehriet... Fuq il-Mewġ ta' Ħsebijiet."
   *Bini u Stil.* Mhux ħażin. Xi bċejjeċ tajbin ferm.
   *Ħsieb.* Kemm xejn fieragħ. Jagħlaq tajjeb.
   *Ortografija.* Fuq kollox tajba, barra minn xi nuqqas tarreqqa u xi ftit żbalji ħoxnin bħal: *jerġu*, *jgħolew*, *għada* (flok *għadha*), *reġet*.

2. X. L. M.—"Mewt b'Mewt."
   *Bini u Stil.* Mhux ħażin. Xi bċejjeċ miktubin bis-sengħa.
   *Ħsieb.* Ċirkostanzi ta' qofol il-ġrajja ma joqorbux lejn is-sewwa, u l-iktar fl-egħluq. Mibni fuq tmiem ta' sentimenti ħżiena.
   *Ortografija.* Mill-aħjar li ma kienx hemm xi niktiet 'l hawn u 'l hinn u xi żbalji ħoxnin bħal: *tgħejd*, *xebgħa* (verb), *inhar* (flok *in-nhar*), *ħdejħ*, *togħdx*, *żgħejr*.

3. Placidus.—"Salvu u Ġwanna jinħabbu."
   *Bini u Stil.* Tajjeb bil-bosta, għalkemm mhux imżewwaq biżżejjed u dejjem iktarx miexi fuq tifsila waħda u ħafifa minn qwiel ta' xejret il-malti.
   *Ħsieb.* Sempliċi, naturali u mexxej.
   *Ortografija.* Tajba ferm, neħħi xi żelluma 'l hawn u 'l hinn.

4. Żaghzugh Malti.—"Ġlieda f'Raħal."
   *Bini u Stil.* Tifsila tajba. Il-bosta kliem djalettali jbegħduha xi ftit mill-għamla tal-Konkors li iktarx jiħtieġ Malti bi pronunzja ordinarja, iżda b'hekk ma jtellifhiex il-jedd. Naħseb li hu djalett imħallat u mhux kollu tar-raħal ta' dawk in-nies li bih jitkellmu, bejn Żejtuni u Żebbuġi... Qwiel naturali; f'xi bnadi ħarira dgħajfin.
   *Ħsieb.* Tislita minn fuq il-veru. Maqlugħ, għalkemm tentuxa imġebbed.
   *Ortografija.* Iktarx dgħajfa u nieqsa minn bosta tagħlim mibni fuq il-grammatka.

5. Verlom.—"Għal Pajjiżu."
   *Bini u Stil.* Mibnija tajjeb u bis-sengħa, ħlief f'xi qwiel li huma ftit jew wisq magħsurin iżżejjed fil-bini ta' propożizzjonijiet, b'xi feles ukoll li ma jjolqotx biżżejjed u sewwa l-ħsieb tal-kittieb. Stil tajjeb. Id-desinenzi djaletti huma iktarx Żejtunin milli Żebbuġin jew Qormin.

*Ħsieb.* Pingut iktarx fuq in-naturali. Daqsxejn waħda nieqes mir-rabta ta' ftietaq li jimlew u jaqblu jżjed għal mal-ġrajja.

*Ortografija.* Tajba ferm, ħlief f'xi nuqqas tar-reqqa.

6. Lejran.—"Epopea Minsija."

*Bini u Stil.* Xi bċejjeċ tajbin. Iżda mżiegħda bi kliem żejjed, b'digressjonijiet żejda u b'idejjiet imtennija, barra milli hemm xi kontradizzjoni ċkejkna.

*Ħsieb.* Xi bċejjeċ huma naturali u milqutin ħafna; iżda hemm xi ċirkostanzi barranija li flok ma jeqilgħu l-pittura tal-ġrajja jdennsuha.

*Ortografija.* Dgħajfa. Turi nuqqas ta' tagħlim tal-grammatka.

7. Panajotti.—"Omm!"

*Bini u Stil.* Imżiegħda b'tiżjin ta' kliem tqil u tifsir imqanżaħ ta' idejjiet. Ħsebijiet imtennija u mħawdin.

*Ħsieb.* Maqlugħ u mfassl mhux ħażin, iżda jonqos missemplicità u min-naturalezza.

*Ortografija.* Għalkemm mhix mill-eħżen nieqsa ħafna minn prinċipji grammatikali.

8. Roskrana.—"Is-Sejħa tad-Demm."

*Bini u Stil.* Mhux ħażin. Imqanżħa f'xi sentenzi li jidhru maħdumin fuq fasla barranija. Nieqsa minn qwiel maltin.

*Ħsieb.* Sabiħ, iżda mhux mogħti l-lewn naturali li jaqbel għal mal-ħsieb malti. Fi kliem il-għeluq hemm issengħa.

*Ortografija.* Tajba ħlief f'xi niktiet u f'xi żewġ jew tlitt żbalji ħoxnin.

9. Eminens.—"Xorti Ħażina."

*Bini u Stil.* Mexxej. Ebda reqqa, u sengħa ftit.

*Ħsieb.* Idejjiet imħawra, bejn poetiċi u bejn prosaiċi u umoristiċi żżejjed li jbaxxu l-ħsieb tal-Konkors.

*Ortografija.* Mill-eħżen.

10. Linke Qluh.—"Ġrajja Għawdxija."

*Bini u Stil.* L-istess drapp bħal ta' qbilha. F'xi bnadi mirquma aħjar.

*Ħsieb.* Xi bċejjeċ imfasslin mhux ħażin, iżda iktarx dgħajfin u għaudhom mill-idejjiet tat-tfal.

*Ortografija.* Mill-eħżen bħal ta' qbilha. Kif jidher l-istess kittieb li deher taħt l-isem ta' Eminens.

11. RAHLI MALTI.—"Leħen il-Malti."

Barra li mhux suġġett ta' konkors, u għalhekk m'għandux jidħol ma' l-oħrajn, din il-kitba hija nieqsa mill-bixra naturali ta' qwiel maltin. Tinsiġ sfiq u twil iżżejjed fir-rabta tal-għajdut, għalkemm 'l hawn u 'l hinn tfewweġ iż-żiffa tal-qawl malti.

Hija xejn inqas ħlief "id-difiża" jew "apoloġija" ta' LEĦEN IL-MALTI, u għalhekk ukoll ma jixraqx nagħmlu ħaqq minn wieħed mill-kotra ta' *ħbiebna*. Natuh il-prosit (għaliex tassew ħaqqu) ta' l-ortografija safja li kiteb u li hi l-aħjar waħda fost l-oħrajn kollha u nixtiqulu ħjibqa' bil-fehmiet sbieħ li għandu u, fuq kollox, li jaħdem biex jissokta aħjar jorqom bi proża xierqa u tajba l-letteratura tagħna.

Għall-ġieh tal-konkors, billi kemm ilhom isiru dawn il-konkorsi, xi wħud, mingħajr ebda ħjiel ta' ortografija tajba, dehrilhom li għandhom il-jedd kollu jitqiesu ma' oħrajn li dejjem fettxew ir-reqqa tal-kitba maltija mibnija fuq il-prinċipji grammatikali, u biex ukoll naqtgħu darba għal dejjem din il-lala li ħadu bosta mill-kittieba li ma joqogħdu jħabblu rashom b'xejn biex jitgħallmu daqsxejn ta' ortografija suret in-nies, (disgrazzja li tinsab f'pajjiżna biss) nitlob bil-ħeġġa lid-Direttur ta' LEĦEN IL-MALTI illi fit-tnedija ta' konkorsi bħal dawn jagħmel il-patt "illi dawk il-Konkorrenti li l-quddiem ma jiktbux b'ortografija xierqa, *xogħlhom ma jitqies b'xejn u l-anqas biss ma jiġi imsemmi fir-rapport tal-Konkors.*"

---

ŻJIEDA—Nilqgħu bil-qalb it-twissija tas-Sur Cremona li mil-lum il-quddiem kull kitba mhix maħduma b'ortografija tajba nħalluha barra mill-Konkors u anqas ma nsemmuha biss. Meta nedejna t-tieni Konkors wissejna li nqisu mhux biss il-kitba fiha n-nfisha, imma l-ortografija wkoll. Il-lum inżidu ngħidu li kitba b'ortografija ħażina anqas biss ma naqrawha.

[*Din ħadet l-ewwel premju*]

# SALVU U ĠWANNA JINĦABBU

Ma kienx hemm xbejba sbejħa aktar minnha fir-raħal. Kienet bint mastru Nton il-mastrudaxxa li ma kienx fadallu ħliefha fid-dinja, Għalkemm kienet għadha daksxejn ta' tfajla, Ġwanna kienet tlaħħaq mal-bżonnijiet tad-dar kollha; u 'l mastru Nton irħilu jbakkar u jishar f'ħanutu flimkien ma' Salvu, il-lavrant tiegħu.

Salvu kien żagħżugħ b'saħtu u ħaddiemi mir-raħal. Lil ommu kien iħobbha wisq; għalhekk kienet ta' sikwit tbierek lilu u l-ħalib li sqietu. Kif tfarfar sewwa, Salvu kellu jmur jitgħallem is-sengħa u jaħdem biex jikseb għal-għajxien tagħhom. Is-sengħa tgħallimha ma' mastru Nton, ġar tagħhom, u baqa' jaħdem miegħu.

Ġwanna kienet ta' kull fil-għaxija tidħol għall-ħanut mill-bitħa, biex tnewlilhom ftit kafè tajjeb. Mill-bqija qajla kont tara wiċċha. Għax-xiri kienet tgħaddi mill-bieb iż-żgħir tad-dar. Iżda meta kienet tkun taħsel fil-bitħa, kienet tgħannilek xi tnejn kif jagħmlu in-nisa l-oħra. Leħenha kien igħaxxaq lill-ġirien kollha. Missierha kien jithenna meta kien jismagħha tgħanni ferħana; u Salvu kien iwaqqaf widnejh biex jara xi tgħid.

Salvu kellu 24 sena, u bħal żgħażagħ oħra, kien xi drabi jitħajjar isib tifla sewwa u jiżżewweġ. M'hux darba u tnejn sama' 'l ommu tfaħħar lil Ġwanna.

Wara dat-tiġrib kollu, Salvu beda jitħasseb u jixħet għajnejh fuq bint mastru Nton.

* * *

" Kemm nixtieq narak miġbura ma' tifel sewwa", qal darba mastru Nton lil bintu meta ntafa' bil-qiegħda f'ras il-mejda biex jiekol. Għalkemm Ġwanna kienet laħqet it-22 sena, ma tniffsitx, u baqgħet tħejji l-ikel bierda bierda; iżda kliemu baqa' f'moħħa.

Bħala ġirien, Salvu u Ġwanna kienu jafu lil xulxin minn żgħorithom. Kienu jiġġerrew u jilagħbu flimkien ma' tfal oħra. Meta kibru baqgħu biss isellmu 'l xulxin b'nofs tbissima. Iżda meta dal-aħħar, Ġwanna kienet tidħol fil-ħanut bil-kafè, Salvu ma kienx jaqla' għajnejh minn fuqha. Fl-aħħar, Ġwanna għarfet x'jista' jfisser dan il-ħars u kienet tħares lejn Salvu bis-serqa, qabel tagħlaq il-bieb tal-bitħa.

Ġwanna kienet tħoss bħal x'jiġbidha wkoll lejn Salvu. Kienet għadha ma ħabbet lil ħadd ħliefu. Iżda l-imsejken Salvu

b'dan ma kien jaf xejn. Fl-aħħar ġietu x-xoqqa f'moxtha. Missierha, darba tennielu x-xewqa, li jara qabel mewtu lil Ġwanna miġbura ma' tifel sewwa mir-raħal.

"L-ewwel trid tara jekk tridx tiżżewweġ", wieġbu malajr malajr Salvu, kollu mistħi.

"Salv, lili qatt ma qaltli li ma tridx tiżżewweġ".

F'dan il-waqt, Ġwanna kienet qegħda taħsel biċċtejn ħwejjeġ fil-bitħa u bdiet tgħanni:

Ġib sikkina u l sidri xoqqli
Ara l qalbi u miss b'idejk
Saqsiha u ara x'tgħidlek
Jekk hux lilek jien ħabbejt.

"Min jaf jekk tħobbx tassew lil xi ħadd!" qal Salvu bejnu u bejn ruħu x'ħin sama' din il-għanja minn fomm Ġwanna.

* * *

Dil-ħabta, omm Salvu kienet marida sewwa. Dan l-aħħar kellu jitqanna' biha u jagħmel xi bżonnijiet tad-dar hu, wara x-xogħol. F'jum qieraħ tax-xitwa marret għall-agħar. Kif daħal id-dar, ra b'għajnejh li l-mewt kienet tidher fuq wiċċha u ma kenitx iżjed ta' wħedha.

F'dik il-lejla x-xita kienet nieżla sfiqa, u beda jriegħed; iżda Salvu ħareġ mid-dar igħaġġel għal għand mastru Nton, għarrfu li ommu ħżienet, u li jkollu jħalli mix-xogħol biex ikun jista' jagħmel dak li jkollha bżonn. F'dak il-waqt, Ġwanna kienet tħejji lampa żgħira taż-żejt biex tixgħelha quddiem xbiha tal-Madonna, f'rokna tal-kamra. Malli semgħet lil Salvu jatihom dil-bxara, ħarset lejn missierha bil-ħniena u qalet bil-ħlewwa kollha: "Missier, l-imsejkna noqgħod magħha jien, kemm inkun nista'," u xegħlet il-lampa tal-Madonna.

"Ma stajtx taħsibha aħjar minn hekk, binti", qallha mastru Nton imqanqal.

Salvu ħares lejhom bid-dmugħ iġelben fuq ħaddejh, u beda iroddilhom il-ħajr għall-qalb tajba tagħhom.

Wara ġimgħa, omm Salvu tatha taqliba u ħalliet lil binha għal dejjem. "Kemm nixtieq li Salvu tiegħi jkollu b'martu, xbejba bħalek", qalet darba lil Ġwanna, meta kienet iddur biha xi jiem qabel mietet. L-imsejken Salvu sab ruħu waħdu u dam bosta żmien jibkiha. Iżda mastru Nton u Ġwanna, kienu f'dan iż-żmien il-faraġ ta' qalbu.

* * *

Salvu qatt ma sata' jinsa il-kliem ħanin u x-xbieha ħelwa ta' Ġwanna, f'dik il-lejla xitwija quddiem il-lampa tixgħel tal-Madonna. L-imħabba ta' qalbu fid-dinja kienet issa biss, għal Ġwanna; u daħħalha f'rasu li jitlob lil-mastru Nton iżewwiġhielu.

"Mast, jew tatini lil Ġwanna b'marti, jew infittex ħobżi x'imkien ieħor", qal Salvu bil-ħlewwa kollha lil-mastru Nton, f'jum is-Sibt, x'ħin ix-xwejjaħ ħallsu tal-ġimgħa.

Mastru Nton għannaq lil Salvu u qallu: "Lil min tridni nżewwiġha jekk ma nżewwiġhiex lilek, ibni!... Minn issa l-quddiem, id-daqsxejn ta' dar fejn noqogħdu, dal-ħanut u l-għodod, tista' tgħoddhom b'tiegħek għal-dejjem".

"U magħna ma jkun jonqsok xejn", qallu Salvu ferħan sa jtir x'ħin taptap tnejn fuq l-ispalla tax-xwejjaħ.

Mastru Nton tqanqal sewwa, ħareġ maktur biex jixxotta għajnejh u temtem: "Kollu wieħed, Salv, il-lejla ngħidil..."

Ċlikk... u għal dal-ħoss inħasdu t-tnejn. Kienet dieħla Ġwanna fil-ħanut b'mikinsa f'idha, biex tiknes il-laqx u ċ-ċana kif kienet tagħmel nhar ta' Sibt fil-għaxija. Kif rat lil missierha b'maktur f'idu u bid-dmugħ f'għajnejh quddiem Salvu, inħasdet hi wkoll u saqsiet x'ġara.

"Xejn binti... aħbar tajba", qallha malajr mastru Nton, u Salvu ħares lejha bi tbissima.

"Oqgħod ftit hawn Salv..." qal mastru Nton, u ħareġ ma' bintu fil-bitħa, għall-għorfa. Bil-ħlewwa kollha ta' missier imbagħad qallha: "Binti, qabel immut nixtieq narak is-sieħba ta' raġel bil-għaqal. Il-lum ma rridx li nitilfu l-qaleb u l-ġbejna. Salvu kien ilu ħsiebu fik, għax il-lejla talabni biex inżewġek lilu jew ifittex ħobżu x'imkien ieħor. Ngħid għalija ma naħsibx li tista ssib tifel tajjeb u ħabrieki daqsu...Issa mmur sal-ħanut u aħsibha sewwa".

"M'għandix għalfejn naħsibha missier...Ili nħoss ġibda lejh, u mill-mewt t'ommu 'l hawn ħabbejtu aktar. Għidlu, li meta jrid nitgħarrsu u naħsbu għat-tieġ", wieġbet Ġwanna ferħana, x'ħin għenet lil missierha jqum minn bil-qiegħda.

"Binti... mela nofs siegħa oħra, jiena u Salvu nidħlu fil-għorfa t-tnejn u ngħaddu sagħtejn flimkien."

* * *

"Mur obsor li kienet ġejja tkeċċina mill-ħanut..." qal Salvu, huma u deħlin it-tnejn fil-għorfa. Ġwanna tbissmet, qaltilhom joqogħdu bil-qiegħda u tathom jixorbu naqra brandi.

"Il-lejla oqgħod kul magħna Salv," qalet Ġwanna x'ħin qagħdet bil-qiegħda ħdejh ferħana; u kelma ġġib 'l oħra, dik il-lejla għaddewha fil-hena t-tlieta.

"Il-Bambin laqqagħhom", bdiet tgħid in-nies meta semgħet li tgħarrsu. F'jum it-tieġ ir-raħal kien għagħa waħda: "J'Alla ir-risq f'darhom". Kienu jinġiebu w jagħdru 'l xulxin. Lil Salvu, mastru Nton beda jdarrih jieħu x-xogħlijet, u r-risq kien f'darhom tassew!

Placidus (M. Agius).

[*Din ħadet it-tieni premju*]

# "GĦAL PAJJIŻU"

"Ġej fl-aħħar Liez—aruh x'jogħtor!"

"Għall-erwieħ Matt; tuf li kent xbajt għal killex nistennieh."

U tassew, Ġorġ kien deher ħiereġ minn ġo sqaq dejjaq kemm igħaddi hu u ieħor daqs nofsu. Ħbiebu t-tnejn dlonk marru jilqgħuh b'geddum imdendel sa' żaqqhom.

"Kemm tuf tagħmilhem il-bċejjeċ, ħaqqek nofs — ħej," Lieżju genıgimlu.

Ħelline nistennewk xi siegħa oħra, anqas li kent ħiereġ flok il-kappillan," ċanfru Matti, igħaġġel quddiem.

Ġorġ nefaħ bil-qawwi u weġibhom: "Tridux tħelluni, għax għandu jkun bil-għawġ ġejja l-lum. Tafux illi minħabba l-mara u l-bniet għal naqra ltqajna dis-sena. Nirrahom isiru krietel tal-imbit! bilfors riedu joħorġu miegħi."

"Għaġġel Ġorġ f'ġieħ kemm-il qaddis hemm," Matti rassu.

"Isma x'igħidlek — mela m'intix taruni bix-xedd? Ħudli saqajja! Mn'Alla li l-maħanqa għamiltha tnejn. U ma nufx kif ser nispiċċuha mal-ġlekk—qiegħed inħossni mkeffen ġo fih!"

Liezju jiflih minn taħt għajnejh qallu: "Ent x'ridtha l-libsa tat-tieġ. Kieku ridna nilbsuha, tgħid ma għandniex waħda? Aħjur bqajt ħafif bħulna."

"Hekk fettilli Liez. Għal tar-raħal mhux dawn bess neħli, imma deheb il-mara wkoll. Tantx tgħaġġlu l-aħwa, aħsbu daqs-xejn fija."

Jinstemgħu jieħdu flimkien il-musketterija u l-banda, Matti u Liezju ħarbu bħal mita jaħarbu ż-żwiemel ta' fuq it-tluq. "Tir Ġorġ jekk trid taruh ħiereġ dis-sena," laħqu qalulu, biss.

U ma kenux ħasbu ħażin, għaliex f'dak il-ħin sewwa San Ġorġ ta' Ħal Qormi feġġ fil-bieb tal-Knisja. Dak in-nhar kienet il-festa kbira tiegħu.

* * *

Ġorġ ried kieku jilħaq 'il sħabu, iżda miskin sab ruħu miexi fuq il-labar. Pass li hu pass ma setagħx imidd minngħajr ma jogħtor u jitkerrah bl-uġigħ. Jekk tah il-biki kellu għalfejn. "Ara... araw... kif ser nitlef l-aħjur, qatt ma nuf li ġruli hekk." beda jredden.

L-inbit li kien legleg fuq il-fenek ta' nofs in-nhar ħassu tiela għal rasu mill-ġdid, l-aktar xħin rà li ħbiebu kienu għabu minn quddiemu u 'l ħafna Qormin oħra jħalluh warajhom. Ma damx wisq ma ntilef fi tbaqbiqa li għamlitlu demmu ilma u ħarġitulu għaraq kiesaħ. Bilfors kellu jaqa' fuq għatba ta' bieb

jisħet lilu in-nifsu talli wara għoxrin sena, jew aktar, mar iċaqlaq ix-xedd minn taħt is-sodda.

Tfajjel żmarġass għadda jiġri waqt li Ġorġ kien qiegħed jitħabat ma' xkielu, waqaf quddiemu jżomm żaqqu bid-daħk.

B'min ent tidħak—ewwilla bija?" staqsieh Ġorġ igħażżaż snienu. "Tridx tmur tidħak b'kemm għandek u jista jkellek."

Min għandi ma jilbisx iż-żarbun bil-maqlub bħalek," it-tfajjel wieġbu, jidħak iżjed bil-qalb.

L-ewwel żarbuna meħlusa minn riġel Ġorġ taret għal ras it-tfajjel. Ix-xorti riedet li ma laqtux biha, għaliex b'daqqa ta' barkun bħal dak kien żgur imiddu tal-post. Wara li ;qala' ż-żarbuna l-oħra u l-ġlekk, ġabar kollox u telaq jiġri bihom l-ura lejn sqaqu. Biex żmien ma jitlifx, malli ħabbat, xeħet it-tagħbija fuq il-għatba, iħalli 'l xi ħadd minn tad-dar jieħu ħsiebhom.

* * *

F'kemm trodd salib Ġorġ kien quddiem il-qaddis tar-raħal tiegħu, ma' rassa Qormin xorbana, fuq spalliet Liezju u Matti, ixejjer flixkun inbid u jgħajjat: "Viva missier il-Qriema. Ħadd ma jagħmlilna xejn. Viva tal-pajjis bess."

Ma' kull erba' passi, it-tlitt iħbieb bdew jaqbżu ġol-eqreb ħanut tax-xorb u jerġgħu malajr jiddeffsu fejn kienu jrejjħu l-qrusa tal-inbit. Aktar ma n-nies iħarsu lejhom, ħalli għalihom biex juru li huma kienu l-iżjed tlieta ta' ħila; imma jekk qatt kellu jingħata l-palju ħadd ma kien itellfu 'l Ġorġ.

Nofs it-triq il-vara kienet għadha ma għamlithiex u Ġorġ, sponża kemm kien, ġa kien qiegħed jara kollox jinqaleb ta' taħt fuq u jisma kollox damdima waħda. Minn saqajh kien ġa mar bħal ma ġa kien nħanaq.

* * *

Imma kellkom bzonn kontu hemm intom stess f'dak il-waqt, biex taraw kif inbidel u ddritta Ġorġ malli għajnejh waqgħu fuq ġemgħa bdiewa Żebbuġin deħlin mit-triq l-oħra. Wiċċu minn aħmar nar sar aħdar ħaxixa. U donnu f'siktu beda jgħannaq 'il Liezju u 'l Matti, igħajjat fil-waqt li ż-Żebbuġin daħlu għalihom.

Huma t-tlieta kienu l-ewwel li, b'Ġorġ quddiem, ġew wiċċ imb'wiċċ mal-akbar għedewwa ta' Ħal Qormi. Hemm kienu issa, x'sejjer jinqala' tgħid ?

"Għalfejn dħaltulna f'pajjisna?" staqsa Ġorġ għal darba tnejn, itemtem, jagħsar għajnejh u mill-ġdid jixxengel daqs qasba fir-riħ.

Ħlief b'ħars ikraħ iż-Żebbuġin ma weġbuhx.

"Jew biex terġgħu titilqulna l-għasufar tal-bejt ġol-knisja?" Ġorġ żied, issa jdaħħal subajh il-kbar taħt il-qatgħa tas-sidrija.

Żebbuġi fih tawru qabeż: "Biex nitfgħewlkem in-nora fl-ilma mbierek."

"Kif għamiltulne intom," rabat fil-ħin Żebbuġi ieħor.

"Ewwilla biex turu li ma tibżgħewx minna?" daħal Matti, inaddaf idejh minn bagħal tal-ħarrub.

"Dan żgur—mela aħna nibżgħew mill-btieti tal-inbit," wieġbu ieħor minn ta' Ħaż-Żebbuġ.

Ixammar il-kmiem tal-qmis Ġorġ staqsihom bil-herra kemm igħoddu għall-imħatra li joħorġu minn raħlu bil-ponnijiet u bis-saqajn.

Għal din iż-Żebbuġi t-tawru baram mustaċċih. "Aħjur ma neħdux għalikem, għax nofs in-nhar daqq." wieġbu.

Ġorġ, imdawwar b'Qormin bla għadd lesti għalli jinqala', fetaħ il-bieb beraħ. Ma ħalliex xagħra f'ġisem iż-Żebbuġin li ma għajjarhomx biha, iżejjen kif jidhirlu hu xi tnejn il-hawn u l-hinn. Mela x'jagħmel, huwa Ġorġ kien iridha tal-aktar Qormi li jiġġennen u jaqbeż għal pajjisu!

Bħal Ġorġ għamlu Liezju n Matti; u nbagħad kemm-il Qormi kien ħalla l-vara biex jissieħeb fil-glieda. Il-miċċa li qabbad Ġorġ kienet qiegħda tagħmel tagħha. Kien jonqos biss, u ma nafx kif le, li jerfgħu idejhom.

Li jidħlu miġmugħin f'San Ġorġ, iż-Żebbuġin kienu jafu li kien l-akbar nibxa għall-Qormin. U minn fuq iwieġbuhom iebes ukoll! Tassew li għalhekk daħlulhom, imma kienu nsew li għal kull wieħed minnhom sejrin isibu mitt Qormi sħun. Biex iħaqquha ma' ta' San Ġorġ dak in-nhar riedu jdaħħlu magħhom salklieb u l-qtates; mhux huma biss—bilkemm tletin ruħ. Għal dik id-darba raw li jaqblilhom idawru denbhom u jbewġu kif jistgħu qabel ma l-qiegħa tisħon iżjed.

* * *

Mitluf bl-inbit u bl-imħabba għal pajjisu, ilsienu ma jaqta xejn, Ġorġ baqa' sejjer ikeċċi liż-Żebbuġin sa' tarf ir-raħal. L-imsejken ma kienx intebaħ li l-Qormin li kellu miegħu fil-bidu issa, bis-saħħa tal-pulizija, kienu reġgħu marru jgħajtu quddiem il-vara.

Balleċ hekk kienu qgħed jistennew ta' Ħaz-Żebbuġ—jagħmilha tal-qalbieni ż-żejjed. Ħasbuha li ma għandhomx jitniffsu jew jieqfu qabel ma jiġu fi triq imwarrba. U mita ġew f'waħda dlonk dawruh qagħqa. Dak iż-Żebbuġi t-tawru, b'daħka qarsa tinbaram ma' xofftejh, kejjillu waħda fuq moħħu li sabbtu maż-Żebbuġi ta quddiemu.

Ġorġ ġibed in-niexfa minn ħżiemu. Beda jdur f'nofshom donnu raddiena. Imma malajr inqala' min jaħtafhielu u jarmihielu ġol-għalqa minn flok ma jħanxarlu għonqu biha.

Il-biża' ġagħlu jara kollox jiċċara issa. U jsib ruħu żarmat u waħdu Qormi, għalkemm maħnuq, ried kieku jgħajjat iktar milli kien għajjat mal-vara. Igħidlek jeħlisha, miskin.

Jista' jaqla garġih Ġorġ! La Matti, la Liezju u l-ebda Qormi ma kien ħsiebu fih, aħseb u ara kemm jisimgħu l-ħanqa tiegħu minn dak il-bogħod kollu. Huwa dak il-ħin San Ġorġ kien wasal biex jidħol għal sena oħra !

"Irġiel...... ħbieb... jien," inbagħad tħajjar isejjaħ 'l akbar għedewwa tiegħu.

X'irġiel irġiel—xi ħbieb huma! Mhux issa, wara li waħdu żżattat biex iħallas il-laħam tal-Qormin kollha.

Daqqa wara l-oħra, bla għajjat u tferfix xejn, kull Żebbuġi messu tnejn jew tlieta sehmu. Ħabibna Ġorġ ma damx wisq ma sab ruħu jitmiegħek mal-qiegħa tal-art, aktar mejjet milli ħaj, jokrob: "Ajma għajni... basta għal tal-pajjiż. Ajma moħħi... ajma x-xedeq...... basta għal... għal Ħal Qormi. Ajma... a, aj...ma...a."

VERLOM

(NAZ. CARABOTT)

# *PRONOSTKU MALTI*

Qrajna l-poeżijiet tal-*Pronostku Malti,* 1934 ta' G. Muscat u fraħna li l-ewwel premijiet rebħuhom il-ħbieb u l-imseħbin tal-Għaqda tagħna. Ġorġ Pisani ħa l-ewwel premju; Art. V. Vassallo t-tieni; Anton Buttigieg it-tielet. Fuq kollox nifirħu għax minn 25 poeżija, 23 huma miktubin bl-ortografija li l-lum nistgħu ngħidulha "l-ortografija tal-kittieba kollha."

[*Din ħadet it-tieni premju*]

# L-GĦANJA TA' QALBI

Kemm drabi, xmejxa sħuna, waqt li tielgħa
minn xefaq ħiemed ta' baħar bid-dija,
ħassejt għanja titbandal f'kennet ħsiebi,
ħassejt għanja f'ta' qalbi s-skiet moħbija.

Kienet sabiħa: ħolm ta' barka w hena
kienu l-versi li mewwġu minn ġe' ħdanha,
u l-warda tafha, għax ġe' fina ħammret,
u l-qamar jafha, għaliex raqad magħna;

Fil-ljieli mkewwba kemm-il-darba nstemgħet
togħla maż-żiffa taħt beraħ is-sema,
u ż-żgħażagħ waqfu ħa jissemmgħu sewwa
—sikwit ħarsithom tiddi bejn xi demgħa.

Int biss, ja xmejxa, int ma tafx bil-mewġa
li tfawwar f'sidri, tidher fuq ħaddejja;
iżda trid taf, trid taf xi tkun il-ferħa
li ħelwa tidħak ġewwa ħbub għajnejja?......

Qatt rajt tistaħba taħt xi dell ta' siġra
l-Imħabba safja—żewġt iqlub magħquda—
u f'għanja sbejħa jidwi t-tpespis tagħha,
xhieda li qatt mill-hemm ma ġiet mikduda?

U l-għanja timraħ ġe' ajru ta' dija,
tmelles tal-ġnejna l-ward u l-weraq tari,
imbgħad tinħall fi ħjut qishom tax-xita:
huma tal-kbira mħabba frott saħħari;

U il-frott jikber, jarmi t-togħma tiegħu
fil-ġnejna li ma tafx b'xorti ħażina,...
iżd'hemm, l-Imħabba għâdha sbejħa tifrex
ħarsitha twajba bħal ta' omm ħanina.........

Ja xmejxa sħuna din l-għanja ta' qalbi
u l-ħolma ħelwa li ħtart fi ċkuniti;
nixtieqha sseħħ sabiħa sew kif ħlomtha
mita kont tiela' l-għatba ta' żgħożiti.

Ħassejtha balzmu jqattar fl-hemm ta' ħsiebi,
u smajtha ttektek fuq il-bieb ta' qalbi:
tbissimt għad-dehra—fl-aħt inxħett ferrieħi
lejn Alla ngħolli bdejt is-safi talbi.

Oh! jekk fin-nieqa għâdha l-għanja tiegħi
titbennen ġmielha bejn is-skiet u s-sħana,
għad jasal jum li fih isseħħ il-ħolma
sew sew kif xtaqtha: ħelwa kemm ferħana.

REDO REO APOLLO (ĠUŻI CHETCUTI)

*[Din ħadet it-tielet premju]*

# LIL FILFLA

Rajtek il-bieraħ waħdek
Qalb mewġ tal-biża' fl-eqqel qilla tiegħu
Jirkbek, isusek u ma' xtutek jingħi,
Irid ikarkrek miegħu.
U bkejt, jaħasra, jiena
Xħin rajtek waħdek f'dak il-hemm merħija
Għax qalbi ħasset dak li tħoss fil-ħajja
Għall-qlub żgħar u minsija.
U bkejt għal-dik il-bejta
Li sawret l-omm min jaf b'kemm deh'n u mħabba
Ta' dak l-għasfur sabiħ li bħalek jismu
U biss ġo fik jitrabba. (1)
Daqqiet donnajtek tfajla
Imjassra minn l-Uħux tgħix imbikkija
Bħal dawk li rajt fin-ngħas ta' ljieli hienja
F'xi ħolma tat-tfulija.
'Ma l-aktar jien tħassartek
Għax fik rajt xbieha taż-żgħożija tiegħi,
Bħalek titħabat qalb il-mewġ tal-ħajja;
Tilheġ ta' l-hemm fit-tliegħi.
Bħalek ma' qalbi daru
L-irwiefen koroħ tal-bnedmin għajjura,
Saħqu 'l qalbi fl-inħasa ta' tbatija
Ta' qalb neħħewlha s-sura.
U għext ġranet tal-biża'
Mitluf f'baħar qalil ta' qżież u tbajja,
Bdejt nisħet lill-bnedmin, nisħet lid-dinja,
Nisħet sa tiegħi l-ħajja
'Ma xħin f'widnejja daqqet
Il-kelma tal-Mulej qiegħda ssabbarni,
Jien q'għedt f'riġlejh id-dmugħ u d-dwejjaq tiegħi
U ħfirt lil min ħaqarni.
Għalhekk tħassartek jiena
Xħin rajtek waħdek qalb tal-mewġ ir-ragħwa
U bkejtek sħiħ; 'ma dak il-biki tiegħi
Nistqarr: stħajjiltu dagħwa.
U ħsibt: Il-Mulej twajjeb
Li f'qalbi radd tal-ferħ u s-sliem id-dija
Jibgħat fi ħnientu wkoll lil Filfla sbejħa
Il-bnazzi tar-rebbiegħa.

TRES MONTES (Ġ. PISANI)

(1) Kanġu ta' Filfla (Tehlassidroma Melitensis); Jingħad li dan l-għasfur, f'Malta, ma jgħammarx ħlief ġewwa Filfla.

# GĦAL FTIT TAL-ĦSIEB NGĦARRQU KOLLOX

## It-taħdita ta' nhar Kristu Sultan.

Smajna għal darb'oħra t-taħdita li kull sena nhar Kristu Sultan issir fil-misraħ tal-Furjana. Dun L. Catania D.D. għandu l-kelma Maltija mill-aħjar, bosta drabi mirquma tajjeb. Ma għoġbuniex xi perijodi mġebbdin li jdoqqu ħażin wisq. B'eżempju: Bħalu Alla Hu ħaġa waħda ma' Missieru tant li ħliefu ħadd lil Missieru ma jagħraf u min jara Lilu jkun qigħed lil Missieru jara. "Skond il-widna Maltija dan il-perijodu kellu jimbena hekk: Bħalu Alla Huwa ħaġa waħda ma' Missieru tant li ħliefu ħadd ma jagħraf lil Missieru u min jara Lilu jkun q'ed jara lil Missieru." Fuq kollox ma għoġbitniex l-ortografija mhux għax mhix dik ta' l-*Għaqda* imma għax fiha nfisha ma tiġbor l-ebda regula ta' kitba suriet in-nies. Jidher li Dun L. Catania ta' l-ortografija Maltija ma għandu l-ebda ħjiel. Nuqqas dan li ma jagħmel ġieħ lil-ebda Malti li jaqbad penna bejn subgħajh. Tgħid id-diskors ta nhar Kristu Sultan hu xi ħaġa inqas mid-diskors tat-8 ta' Settembru? Naħsbu li le. Mela kif kien li l-awtur it-taħdita tat-8 ta' Settembru kitibha bl-ortografija xierqa ta' *Leħen is-Sewwa* u dak ta' Kristu Sultan ċaflasha kif ħabat ħabat?

Daqsxejn ta' ħsieb iżjed, biex nagħmlu xogħlijiet aħjar.

## Leħen is-Sewwa u L-Għassa l-ġdida.

*Leħen is-Sewwa* għadda f'idejn iż-żgħażagħ ta' l-*Azioni Cattolica* (il-Ħidma Kattolika). Sa' hawn kollox sewwa mbilli dawn iż-żgħażagħ biex jitqabdu għas-Sewwa ta' Alla jeħtieġu l-propaganda tal-ġurnal. Dak li ma għoġobniex hu li dawn iż-żgħażagħ, jew xi ħadd ieħor, dehrilhom li għandhom ibiddlu, jew aħjar, igħarrqu l-ortografija ta' dan il-ġurnal, bi ħsara

kbira tal-lsien Malti, u b'għajb ta' min ma għarafx jinqeda b'moħħu aħjar, għal-ġid ta' Alla biss. Kien min kien li biddel l-ortografija, dan il-flien għandu jkun jaf li b'daqshekk ma għamel l-ebda ġid fir-ruħ li ma kienx q'ed isir meta *Leħen is-Sewwa* kien għadu f'idejn ħaddieħor. Mela r-riżultat ta' dan it-tibdil hu biss li issa ser ikollna ġurnal ieħor li jkompli jżid it-taħwid fil-kitba tal-Malti, mbilli jsaħħaħ il-fehma ta' xi boloħ li Lsienna għandu kullħadd jiktbu kif iħossu f'widintu! F'pajjiżi oħra l-kittieba kattoliċi jfittxu jgħollu lsien arthom ħalli juru li l-Kattoliċi, jingħad x'jingħad kontra tagħhom, ma humiex inqas minn ħaddieħor fis-sengħa tal-kitba. U b'hekk jaqdu l'Alla u lin-nazzjon. F'Malta kollox bil-maqlub: Mbierek hu min iċaflas l-aktar! Issa bejnietna, jew aħjar bejn ruħna u Alla, jidrilhom iż-żgħażagħ ta' l-*Azione* li dan hu xogħol ta' nsara, xogħol ta' min q'ed ifittex l-għaqda wis-sedqa tal-paċi fostna? Għajb ikraħ ta' Malta hi din il-biċċa li kull kittieb għandu ortografija għalih, għajb dan li jbaxxina sat-trab ta' taħt saqajna. Issa mbilli hu d-dmir ta' kull ċittadin intelligenti li hu Malti u fl-istess ħin nisrani li jeqred dan l-għajb tan-nazzjon (kull għajb hu ħażin fih innifsu) kien xieraq li ż-żgħażagħ tal-Ħidma Kattolika, jew xi ħadd ieħor, ma ġarrafx il-ġid kbir li Leħen is-Sewwa għamel lill-għażiż lsienna taħt idejn ħaddieħor. Mela waqt li nixtiequ lil dawn iż-żgħażagħ elf ġid ta' erwieħ aħjar għall-ġieħ ta' Alla, wis-sebħ ta Malta, aħna nitolbuhom bħala ħbieb li ma jkomplux iħassrulna l-għażiż lsien ta' misserijietna u dan għall-ġieħ ta' Alla wis-sebħ ta' Malta wkoll.

IL-WIDDIEB.

## IL-KOTBA MQADDSA BIL-MALTI

Dal-waqt joħroġ:

IL-KOTBA TA' SAMWEL

imfissrin bil-Malti minn Dun P.P. Saydon,

Dan ikun it-tmien wieħed fost il-*Kotba Mqaddsa* maqlubin bil-Malti mill-Prof. Dun P.P. Saydon.

# TAGĦRIF

## KOTBA LI BAGĦTULNA

*The Teacher*, għadd ta' Settembru.

*Ħajja ta' Cristu l-Iben t'Alla* ta' Dun Custant Fouard miġjuba bil-Malti minn A. M. Galea, Stamperija tas-Salesjani, 1933. Ma nistgħux infaħħru dal-ktieb aħjar milli nħajjru 'l kullħadd jaqrah. Għalkemm traduzjoni, is-Sur Fons għaraf jatiha għamla Maltija u għamla sabiħa, bi kliem mexxej u ħafif, bħalma kittieb tas-sengħa biss jaf jagħmel.

Fil-għadd ta' Settembru, faċċ. 108 ħabbarna li qegħdin jinfetħu xi skejjel tal-Malti. Inżidu ngħarrfu li s-Sur J. Buhagiar qiegħed igħallem il-Malti l-Belt fli *Sporting Club* Strada Reale, 198. Min irid jitgħallem jikteb tajjeb bil-Malti jew min jeħtieġlu jati xi eżami tal-Malti ma jitlefx din il-għajnuna ta' ħabib. Ħlas ta' xejn.

L-istess J. Buhagiar sejjer jati xi kunferenzi fuq il-Lsien Malti fix-xhur ta' Novembru u Diċembru.

Mitlubin inħabbru :

Dawn il-ġranet ġiet imwaqqfa Xirka bil-ħsieb li xxandar u tmexxi l-kitba bil-Malti miktuba bl-ortografija tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* bl-isem ta' "*Xirka tal-Malti.*" Il-kumitat tagħha ġie maħtur hekk :

| | |
|---|---|
| *President* | E. Darmanin |
| *Viċi-President* | J. Said |
| *Segretarju* | J. Buhagiar |
| *Kaxxier* | A. Vassallo |
| *Membri* | V. Apap, G. Azzopardi, A. Micallef u W. Zahra Kassar. |

Kull min irid jaf xi ħaġ'oħra jista' jikteb lis-Segretarju 321 S.da Due Porte, l-Isla, Malta.

Ħlas biex tkun imsieħeb huwa ta' żewġ soldi biss fix-xahar.

Is-Sur W. Fava, m.d. imsieħeb fil-Għaqda tagħna u qiegħed l-Ingilterra kien imdaħħal ftit ilu fil-*R.A.M.C.* Nifirħulu.

**ABBONAMENT**

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.